Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11019 – PREMERENI / SUAS CLEAN ENERGY / JVs)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 20/08)

1. Fit-12 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PREměření, a.s. ("PREmereni", ir-Repubblika Ċeka), li finalment hija kkontrollata mill-Belt Kapitali ta' Praga (ir-Repubblika Ċeka) u EnBW Group (il-Ġermanja),

— SUAS Clean Energy s.r.o. ("SUAS", ir-Repubblika Ċeka), li finalment hija kkontrollata mill-Fond Fiduċjarju ta' František Štěpánek (ir-Repubblika Ċeka).

PREměření, a.s. u SUAS Clean Energy s.r.o. se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' PRE FVE Nové Sedlo, s.r.o. ("JV1") u Solarpark Nové Sedlo s.r.o. ("JV2").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— PREmereni hija attiva prinċipalment fil-qasam tas-servizzi relatati max-xiri, l-installazzjoni, il-verifika u l-qari ta' tagħmir għall-kejl tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-elettriċità f'impjanti tal-enerġija fotovoltajka u mir-riħ,

— SUAS hija attiva prinċipalment fil-qasam tal-ġenerazzjoni tas-sħana u l-elettriċità mill-gass naturali u minn sorsi rinnovabbli oħra.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' JV1 u JV2 huma l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' impjanti tal-enerġija fotovoltajka fir-Repubblika Ċeka.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11019 – PREMERENI / SUAS CLEAN ENERGY / JVs

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolment dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË